MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 19/2008

**The General Soft Drinks Company Limited**

**vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Dicembru, 2008, it-Tribunal Arbitrali fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg ippronunzja s-segwenti lodo fl-ismijiet premessi:-

**"I. IL-VERTENZA**

1. Is-socjeta' rikorrenti (GSD) akkwistat b'titolu ta' enfitewsi temporanja minghand Malta Industrial Parks Limited [li mhix parti f'dawn il-proceduri] bicca art fil-qasam industriali tal-Marsa.

2. Fid-dikjarazzjoni tal-kaz, is-socjeta' rikorrenti tghid li wara li hadet l-art in kwistjoni sabet li minnha kienu ghaddejjin "high tension wire cables" tal-elettriku propjeta' u amministrati mill-Korporazzjoni intimata (Enemalta).

3. GSD akkwistat l-art sabiex tibni u tistabilixxi fabbrika tal-ibbottiljar b'terminu kontrattwali specifiku sabiex twettaq il-progett. Bil-mod kif kienu ghaddejjin il-cables tal-elettriku minn dik l-art, kien mehtieg li l-cables jinqalghu minn fejn kienu u jitqeghdu band'ohra sabiex seta' jsir l-izvilupp skond il-htigijiet taghha.

4. GSD talbet lill-Enemalta sabiex tispostja l-cables. L-Enemalta accettat li taghmel dan dment li GSD thallas l-ispejjes involuti. Min-naha taghha GSD qed tghid li l-ispiza ghac-caqlieq tal-cables ghandha tkun a kariku tal-Enemalta.

5. Ghalhekk il-vertenza bejn GSD u Enemalta hija limitata biss ghal min minnhom huwa responsabbli ghall-hlas ta' dawn l-ispejjes.

## II. SOTTMISSJONIJIET TAL-PARTIJIET

### A. RIKORRENTI

6. Il-pern tal-vertenza huwa l-Art.7 tal-Kap. 81. Huwa nkontestat id-dritt li tintalab ir-rilokazzjoni tal-cables, pero' l-kwistjoni hija a kariku ta' min se jkun il-hlas.

7. Skond Kap. 81, l-Enemalta bhala utilita' pubblika qed tinghata mill-legislatur privilegg fuq ic-cittadin ordinarju li tista' tghaddi min fuq l-art ta' haddiehor biex tipprovdi servizz pubbliku. Dak il-privilegg tal-Enemalta mhux illimitat izda huwa cirkoskritt bl-istess Art. 7 tal-Kap. 81 li jaghti lic-cittadin normali *id-dritt* li jitlob id-dirottament tal-infrastruttura. U allura dak il-privilegg huwa cirkoskritt bid-dritt tac-cittadin li ma jistax biex

jesercita dak id-dritt jidhol hu ghall-ispiza biex tigi dirottata dik l'infrastruttura.

8. L-ezercizzju ta' dritt da parti tac-cittadin ma jistax jiddependi fuq jekk jistax ihallas kwalunkwe spiza li tinnecessita c-caqlieq ta' l-infrastruttura. Il-Kap. 81 jipprova jgib bilanc bejn id-drittijiet ta' l-utilita' pubblika fil-qadi u fil-provvista ta' servizz pubbliku mad-dritt tac-cittadin li jiccirkoskrivi l-privilegg tal-Enemalta li tghaddi minn fejn trid.

9. L-Art. 7 ighid ukoll jekk is-sid tal-art ikun ircieva xi kumpens ghax l-public utlities ikunu ghaddew minn fuq l-art tieghu jkollu l-obbligu li jrodd lura l-indennizz li jkun ha, pero' id-dritt tieghu li jigu dirottati l-cables xorta wahda jibqa' hemm. Il-cables huma mezz kif l-Enemalta taghmel u tiggestixxi n-negozju taghha. Jekk ic-cittadin ghandu dritt li jesigi dirottament tal-cables l-Enemalta ma tistax tghid li biex jigi esercitat dak id-dritt ic-cittadin irid ihallas ukoll il-flus biex hi tkompli tiggestixxi n-negozju taghha. Il-fatt li huwa servizz pubbliku ma jipprivax lic-cittadin mid-dritt li biex jitlob id-dritt tad-dirottament tal-cables irid ihallas ukoll ghall-ispiza involuta.

10. Ghalhekk Art. 7 johloq bilanc ta' drittijiet ekonomici tal-partijiet fejn id-dritt ekonomiku li l-Enemalta tkompli tipprovdi s-servizz anke jekk ha tghaddi minn fuq l-art jew il-propjeta ta' terzi huwa cirkoskritt bid-dritt tac-cittadin li fejn jimmerita il-kaz igieghel lill-Enemalta ccaqlaq il-cables spejjes taghha.

11. Huwa fatt li min ser jiehu beneficcju ta' xi haga irid ihallas ghalih pero' fil-kaz in esami ghandu jigi stabbilit min ser jiehu l-beneficcju. Fir-realta' din hija art li ilha ngumbrata ghax l-Enemalta ddecidiet li trid tghaddi l-cables taghha minn fuqha ghad li l-art ma kenitx taghha. Pero' inti qed tinghata dritt bil-ligi li tghaddi fuq art ta' terzi, pero' irid jibqa' ukoll koncess li inti qieghed tingombra dik il-

propjeta biex int tkun tista tiggestixxi n-negozju tieghek. Anke jekk qed jinghata servizz pubbliku, il-beneficcju tac-caqlieq jibqa' a vantagg tal-Enemalta.

## B. INTIMATA

12. Il-principju generali tad-dritt huwa li min se jitlob haga li se jiehu beneficcju minnha, irid ihallas ghaliha. U dan huwa r-raison d'etre tal-Art. 7 tal-Kap. 81, avolja mhux miktub *espressis verbis.* Ghalhekk jissemma r-radd ta' l-indennizz una volta l-art li fuqha jkunu ghaddejjin utilities li jkunu se jigu dirottati se tkun liberata favur tieghu.

13. Pero' ma tistax tghid li ghax hemm id-dritt li jintalab dirottament allura hemm wkoll id-dritt awtomatiku ghall-hlas minghand l-Enemalta ghax wara kollox l-Enemalta ma ghandhiex ghalfejn iccaqlaq l-infrastruttura taghha darba saret u qed taghti l-funzjoni taghha ta' provvista ta' servizz.

14. L-Enemalta hija estranea ghal l-ftehim li GSD ghamlet mal-Gvern meta akkwistat l-art. U kieku GSD ma haditx l-art ma kien jinqala' xejn ghax il-cables kienu ghaddejjin minn art li kienet tal-Gvern u l-Gvern kien kuntent li jghaddu dal-cables hemmhekk. Il-fatt li GSD hadet l-art b'cens ma jinfluwix fuq il-gestjoni tal-Enemalta. Jekk GSD trid iccaqlaq il-cables ghax tghid li ghandha dritt ghandha tkun hi li thallas l-ispiza nvoluta.

15. Ma jaghmel ebda sens ta' ligi li kull meta l-Enemalta tintalab mic-cittadin sabiex iccaqlaq l-infrastruttura taghha [u dan isir kontinwament] dan tkun trid taghmlu a spejjes taghha. Dak ikun ifisser li s-sitwazzjoni titwassal sal-assurd.

16. Ghad-differenza ta' servizzi ohra bhal arbli tad-dawl jew brackets, l-unika fatt mhux tas-soltu fil-kaz odjern huwa hawn si tratta ta' cables hafna akbar minn dawk li solitament ikun hemm talba

ghalihom biex jiccaqilqu u naturalment l-ispiza hija akbar. L-Enemalta rresistiet it-talba ta' GSD sabiex ic-caqlieq isir a spejjes tal-Enemalta ghaliex ma jaghmilx sens li l-Enemalta li ghandha l-infrastruttura taghha f'postha u qed tiffunzjona ghandha tpoggi dik l-infrastruttura band'ohra spejjes taghha a beneficcju jew vantagg ta' haddiehor.

17. Fuq l-art in kwistjoni, il-Gvern li kien il-propjetarju kien aktar minn kuntent li jghaddu s-servizzi in kwistjoni. Is-servizzi ma kienux se haga mohbija izda kien hemm ukoll sub-station li qed jintalab li tigi rilokata.

18. Min se jgawdi mid-dirottament tal-infrastruttura? Certament mhux l-Enemalta. Ghax minn x'imkien trid tghaddi dawk il-cables. Meta hi se taqla' dak li qed tinqeda tajjeb bih minn art ta' xi hadd sabiex tpoggieh fuq art ta' haddiehor l-Enemalta zvantagg biss ghandha ghax tkun se tinkorri spiza bla bzonn.

19. Il-Malta Industrial Parks Limited li minghandha GSD hadet l-art b'cens kienet ben edotta u konxja tal-infrastruttura li l-Enemalta kellha ghaddejja mill-art in kwistjoni.

20. L-Enemalta qed taqbel li l-parti l-ohra ghandha dritt titlob li l-cables jigu dirottati peress li l-art trid tigi zviluppata pero' fl-esercizzju tad-dritt li c-cittadin ghandu jrid jiehu kont tal-fatt li sabiex jezercita dak id-dritt irid ihallas.

## III. <u>KONSIDERAZZJONI DWAR KAP. 81 TAL-LIGIJIET TA' MALTA</u>

21. Il-partijiet, <u>specialment GSD</u>, jaghmlu riferenza ghall-Kap. 81 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa l-Att dwar ir-Regolament ta' Certi Xogholijiet f'Utilitajiet u Servizzi. Din qabel kienet maghrufa bhala l-Ordinanza XXIII tal-1934.

22. GSD tissofferma fuq l-Art. 7 tal-Att li skond GSD jaghtiha d-dritt li titlob li l-cables jitnehhew mill-art taghha. Fil-fatt hekk hu ghax dment li tkun segwita l-procedura stabbilita f'dak l-artikolu, GSD ghandha dritt tesigi c-caqlieq tal-cables. L-Enemalta taccetta li dak id-dritt qieghed hemm u wriet id-disponibilita' taghha li teffettwa dak ic-caqlieq izda mhux li tinkorri l-ispiza ghal dak ic-caqlieq. Din kienet it-tema centrali tad-difiza taghha kontra l-pretensjoni tas-socjeta' rikorrenti.

23. GSD tghid li hemm lacuna fil-ligi ghaliex l-Art. 7 min-naha wahda jaghtiha dritt li taghmel it-talba ghac-caqlieq pero' ma jipprovdix rimedju dwar min ghandu jinkorri dik l-ispiza.

24. L-arbitri hasbu hafna fit-tul dwar din il-vertenza u iltaqghu ferm izjed minn darba biex jiddeliberaw qabel ma waslu ghal din il-konkluzjoni ghaliex apparti li jista' jkun hemm zewg possibilitajiet, kif huwa ovvju, dwar fuq min jaqa' l-obbligu tal-hlas ghac-caqlieq tal-cables, wiehed jista' jghid li l-ligi ma tispecifikax min ghandu ihallas biex effettivament isir ic-caqlieq ta' dawn il-cables ghax huwa ovvju li la darba isir ic-caqlieq u dan ic-caqlieq ikun gie necessitat mill-esigenzi tas-sid tal-post li fuqu ikunu tpoggew il-cables allura ghandu ibaghti l-ispiza huwa stess.

25. Min-naha l-ohra la darba ic-cittadin ghandu d-dritt li jitlob id-dirottament tal-imsemmija cables, u la darba l-Enemalta kellha id-dritt ukoll li tpoggi l-istess cables fil-proprieta tac-cittadin, isegwi li tali dirottament ma ghandux ikun a karigu tal-istess cittadin, izda ghandu ikun a karigu tal-proprietarju tal-istess cables u cioe tal-istess Enemalta.

26. Huwa sottomess illi l-Art. 7 ma jistax jigi distakkat mill-bqija tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 81.

27. Hija il-fehma tal-arbitri li ma hemm ebda lacuna.

28. Fejn il-legislatur ried li jkun hemm ghoti ta' kumpens dan qalu b'mod car u inekwivoku fl-istess Kap. 81. Mhux biss izda fassal sahansitra l-procedura ta' kif issir il-likwidazzjoni tal-kumpens u l-binarji legali u gudizzjarji fejn trid issir it-talba ghall-kumpens. Hawn qed isir riferenza ghall-Art. 4 u Art. 5. Art. 4 jirrigwarda xoghlijiet li jigu ordnati mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta waqt li Art. 5 jipprovdi ghall-procedura tal-kumpens relattivament ghax-xoghlijiet ordnati bis-sahha tal-Art. 4.

29. Dwar Art. 7 il-legislatur ma indika ebda rimedju ghal kumpens, propju ghaliex ma riedx li jinghata kumpens a favur tal-persuna li taghmel it-talba fit-termini tal-Art. 7. Ghalhekk tapplika l-massima: *ubi lex voluit dixit.* Fl-istess artikolu, il-legislatur kien tassattiv dwar l-obbligu ta' sid l-art li jrodd lura kull indennizz li jkun ircieva fil-kaz li t-talba tieghu tkun milqugha. Ghalhekk li kieku l-legislatur ried jaghti indennizz lil min jaghmel it-talba, dan kien ighidu fit-test tal-ligi stess. Fil-fehma tal-arbitri, l-artikolu ma jaghti lok ghal ebda dubju ta' interpretazzjoni.

30. Il-fehma tal-arbitri hija ulterjorment konfermata b'dak li jipprovdi Art. 8 kien emendat bl-Art. 30 tal-Att XXIII tal-2000:-

“Ix-xogholijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-impjanti tas-sistemi ta' komunikazzioni ta' l-elettriku u tat-telegrafu u li, qabel ma beda dan l-ATT, ikunu saru gewwa, minn fuq jew fuq fond, minghajr protesta ta' sid il-fond, jitqiesu li saru bil-kunsens tas-sid u ma laghtux lil sid il-fond EBDA jedd ghal indennizz, ghalkemm id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ma jkunux gew imharsa."

**IV. KONSIDERAZZJONIJIET OHRA**

31. Il-kuntratt tad-19 ta' Awissu 2005 li bis-sahha tieghu GSD akkwistat l-art minghand Malta Industrial Parks Limited b'titolu ta' cens temporanju ma jipprovdix ghal kif kellha tkun regolata bejn il-kontraenti spiza tax-xorta in kwistjoni. Kieku kien jipprovdi ghal dan, allura isegwi li ma kienx ikun hemm lok ghal din il-vertenza bejn il-partijiet.

32. La darba hemm dan in-nuqqas isegwi li bejn GSD u Malta Industrial Parks Limited ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet generali tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn allura spiza ta' dik ix-xorta hija kollha kemm hi a kariku ta' GSD bhala enfitewta.

33. Bejn GSD u Enemalta ma hemm ebda rapport kontrattwali. Ir-rapport kontrattwali kien biss bejn GSD u Malta Industrial Parks Limited.

34. Ghalhekk l-arbitri in aggunta mal-konsiderazzjonijiet taghhom diga' espressi dwar l-interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 81 tal-Ligijiet ta' Malta jsostnu li kieku Enemalta kellha ggorr l-ispiza tac-caqlieq tal-cables, GSD tkun gawdiet minn arrikkiment indebitu ghad-dannu tal-Enemalta li allura kien jaghti lill-Enemalta d-dritt li tagixxi bl-"actio de in rem verso" kontra GSD galadarba azzjoni “ex contractu” mhix proponibbli f'dan il-kaz.

35. Azzjoni "de in rem verso" kienet tkun proponibbli ghaliex :-

> L-ekwita' hija vitali ghaliex il-principju huwa li mhux xieraq li persuna tistaghna bi hsara ta' haddiehor *(nemo licet locupletari cum aliena iactura).* Il-kwistjoni hija l-qies tal-vantagg li t-terza persuna tkun kisbet minhabba l-ispejjes minfuqa mit-terz u ghandha l-mira li terga' trodd il-bilanc bejn il-patrimonju ta' min ikun stana u dak tal-parti li tkun ghamlet spejjes biex dan ikun sehh.

> Mit-talba taghha ghac-caqlieq tal-cables, GSD se takkwista vantagg ghad-dannu tal-Enemalta. Meta kienet qed tikkontratta mad-*dominus* qabel il-kuntratt tac-cens, GSD kien messha kienet previdenti u hasbet ghall-eventwalita' jew ghall-attwalita jew ghall-htiega li tnehhi dawk il-cables. Li kieku spiza ta' dik ix-xorta kellha ggorrha l-Enemalta a vantagg ta' GSD, din tal-ahhar kienet tistana a skapitu tal-istess Enemalta u dik l-ispiza tkun ghaddiet a favur tal-patrimonju taghha (“l’arricchimento”) [Vol.XLI.I.631 - Calleja vs Zammit Tabona - 5.4.1957 - Appell Kummercjali). Dan l-element huwa deskritt mill-gurista Baudry Lacantinerie, "Delle Obligazioni", Vol.IV Pg.550 bhala "il carattere inguisto dell'arricchimento". *Hawn wiehed ma iridx jinsa li l-*art *in kwistjoni hija wahda f'zona industrijali u ghalhekk GSD kienet taf jew messha kienet taf li kien hemm il-possibilita*' li *l-Enemalta kienet tkun ghamlet uzu mid-dritt taghha li tghaddi cables minn x'imkien, u infatti rrizulta li l-Enemalta kienet utilizzat tali dritt u ghaddiet il-cables minn l-art in kwistjoni. Din l-art ma hijiex xi art li kienet f'zona agrikola, fejn allura, ma kienx probabbli, sia pure possibbli, li l-Enemalta kienet ghamlet uzu minn dan id-dritt. La darba GSD kienet naqset li tkun previdenti fil-mument opportun, ossija waqt it-trattazzjoni ghall-akkwist tal-art, ma tistax issa tobbjetta ghall-pagament ghac-caqlieq tal-istess cables.*

> Ma hemmx raguni fattwali jew legali li tiggustifika arrikkiment ta' GSD a skapitu ta' l-Enemalta.

> Hemm ness ta' kawzalita' bejn ic-caqlieq tal-cables mill-Enemalta u l-vantagg a favur GSD ("il vincolo di causalita'")

[ara Joseph Cachia vs Yellow Fun Limited - Appell Inferjuri - 10 ta' Ottubru 2005; Gorg Sladden vs Albert Mais et - Prim'Awla tal-Qorti Civili - 27 ta'

Jannar 2005; Emanuel Bartolo vs Victor Micallef - Prim'Awla tal-Qorti Civili - 28 ta' Ottubru 2004)

36. L-arbitri jissottomettu ulterjorment dan li gej:-

> Il-cables kienu diga' fl-art meta GSD akkwistat l-art. Ma rrizultax li thallas kumpens talli ghaddew dawk il-cables ghar-raguni li l-Gvern kien sid l-art u kien ukoll is-"service provider" ta' dawk il-cables.

> Meta si tratta ta' "public utilities" ma hemmx kwistjoni ta' privilegg li servizzi jghaddu minn fuq art ta' terzi izda dritt "ope legis".

> Huwa dritt tac-cittadin li jitlob dirottament pero' mhux id-dritt ghal rimbors tal-ispejjes.

> Art. 7 jaghti dritt limitat u kwalifikat lis-sid tal-art mhux dritt shih u illimitat kif pretiz minn GSD.

> Ghall-fini tal-provvista ta' servizz pubbliku, Enemalta mhux qed tiggestixxi negozju kif pretiz minn GSD. U l-ghoti ta' dak is-servizz huwa regolat mil-ligi stess.

> Bosta drabi l-esercizzju ta' fakolta' inkella dritt fil-parametri stabbiliti mill-ligi jigi "at a cost" li huwa a kariku ta' min jesigi dak l-esercizzju. Dak in kwistjoni mhux eccezzjoni.

> GSD kienet l-unika beneficjarja tac-caqlieq tal-cables u ghandha tkun hi wahedha li ggorr l-ispiza involuta.

## V. KONKLUZJONI

36. In vista tal-premess, hija l-fehma konsiderata **tal-maggoranza** tal-arbitri li t-talba tas-socjeta' rikorrenti ghandha tkun respinta.

37. L-enfazi li din kienet decizjoni maggoritarja saret wara talba f'dan is-sens mill-arbitru dissenzjenti.

38. L-arbitru dissidenti qed jaghzel li ma jiffirmax din id-decizjoni.**”**

Fil-konfront ta’ din id-decizjoni l-kumpanija rikorrenti sintetikament tissottometti dawn l-aggravji:-

(1) Il-motivazzoni ta’ l-Arbitri hija ghal kollox guridikament errata in kwantu l-interpretazzjoni korretta ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 81 kellha tkun dik illi la l-ligi ma pprovdietx dwar min ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispiza tac-caqlieq tal-*cables* din il-lakuna kellha tigi ragonata u sodisfatta in bazi ghall-obbligazzjoni statutorja li l-ligi timponi fuq min ghandu jcaqlaq dawn il-*cables*. F’dan il-kuntest is-socjeta` appellanti tikkontendi illi d-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli 4 u 5 ta’ l-istess Kapitolu ma huma ta’ ebda rilevanza ghar-rizoluzzjoni interpretattiva ta’ l-Artikolu 7;

(2) Ugwalment, dan hu hekk il-kaz fir-rigward ta’ l-applikabilita` ta’ l-Artiklu 8 ghall-punt kontrovertit;

(3) L-argoment ta’ l-Arbitri illi kull min jezercita dritt ghandu jhallas ghalih hu wiehed gratuwitu. Hu fallaci, imbaghad, l-argoment imsejjes fuq il-kuncett ta’ l-arrikkiment indebitu. In meritu, is-socjeta` appellanti tirraguni illi l-obbligu li jiddixxendi mil-ligi ma jistax jaghti lok ghall-azzjoni *de in rem verso*;

(4) Id-decizjoni arbitrali ma pprovdietx dwar il-kap ta’ l-ispejjez;

Fit-twegiba taghha ghall-appell interpost il-Korporazzjoni tissolleva b’mod principali l-inammissibilita` ta’ l-appell ghaliex, fuq il-fehma taghha, dan ma jissodisfax ir-rekwiziti dettati mis-subinciz (3) ta’ l-Artikolu 70 tal-Kapitolu 387.

Kwantu ghall-mertu tad-decizjoni l-argumentazzjoni kontenuta fiha kienet logikament artikolata;

L-antecedent tal-kwestjoni devoluta lill-panel ta’ Arbitri jinsab sew cirkoskritt fil-ftehim kompromissorju bejn il-kontendenti ta’ l-14 ta’ Lulju, 2006 (fol. 25). Permezz ta’ dan il-ftehim il-partijiet qablu li l-kontroversja insorta bejniethom in referenza ghar-rilokazzjoni tal-*cables* sottostanti l-porzjoni ta’ art allokata b’enfitewsi lill-kumpanija u, aktar specifikatament, l-ispiza korrelatata ma’ din ir-rilokazzjoni tigi sottomessa ghall-arbitragg. Huwa pacifiku illi l-qalba tal-kontestazzjoni kienet tirriverti fuq ir-retta interpretazzjoni li kellha tinghata lill-Artikolu 7 ta’ l-Att dwar ir-Regolamenti ta’ Certi Xoghlijiet f’Utilitajiet u Servizzi (Kapitolu 81). Fis-sostanza tieghu dan il-provvediment jahseb bil-procedura fih stabbilita ghal qaghda fejn sid ta’ fond, li gewwa fih jew fuqu jkunu ghaddejjin gumni, fili, arbli, ventijiet, brazzi jew accessorji ohra, jista’ jitlob li dawn jigu rimossi ghal skop minnu ta’ zvilupp jew tibdiliet ta’ l-istess fond. Ma jidherx li huwa kkontestat illi l-precitat artikolu hu sieket dwar minn mill-partijiet ghandu jsofri l-ispiza tar-rimozzjoni u tar-rilokazzjoni ta’ l-attrezzi. Il-veru kuntrast jinsab fit-tezijiet djametrikalment opposti illi skond l-ottika ta’ kull parti din l-ispiza ghandha titbata mill-kontroparti;

Minn dak kaptat mid-decizjoni maggoritarja tal-panel ta’ l-Arbitri jidher li dawn irrizolvew il-kontroversja billi ghal kwezit sollevat minnhom dwar min ser igawdi mid-dirottament tal-*cables* ikkonkludew li l-beneficcjarja hi l-kumpanija. Din il-konkluzjoni waslu ghaliha billi siltu inferenzi minn certi disposizzjonijiet tal-ligi, senjatament l-Artikolu 4, 5, u 8 ta’ l-Att, u bl-applikazzjoni tal-massima *ubi lex voluit dixit*, f’akkoppjament ulterjuri tal-principju ta’ l-arrikament indebitu, iddeterminaw li l-ispiza involuta tad-dirottament ghandha tkun a karigu tal-kumpanija in kwantu kienet din li ssollecitat ir-rimozzjoni tal-*cables* minn fuq l-art taghha. Huwa dan ir-ragonament u din il-konkluzjoni, prettament ta’ indoli guridika, li s-socjeta` appellanti issa qed ticcensura bil-gravam taghha;

Ma jistax ikun dubitat illi, kif diga osservat, l-obbjettiv li l-partijiet riedu li jintlahaq bil-ftehim kompromissorju kien jaggira fuq l-interpretazzjoni li riedet tigi akkreditata lill-Artikolu 7 tal-Kapitolu 81. Kif ukoll diga osservat id-decizjoni interpretattiva tal-panel ta' l-Arbitri giet raggunta minnu permezz tal-process analogiku fuq senjalat. Ghas-socjeta` appellanti in bazi ghall-kumpless ta' l-aggravji taghha din id-decizjoni kienet vizzjata ghall-motiv li r-raggungiment taghha kien milhuq minn vizjoni zbaljata tar-ragonament legali. Taht dan il-profil din il-Qorti hi sodisfatta illi jezisti "l-punt ta' ligi li jitnissel minn decizjoni finali" [Artikolu 70A (1), Kapitkolu 387] u li l-argomenti dedotti bl-aggravji kienu jimportaw dan il-punt ta' ligi anke fil-parametri ta' l-estremi kollha prefissi mis-subinciz (3) ta' l-istess Artikolu 70A u, ukoll, dak tar-rekwizit statwit fl-Artikolu 70B (1). *Pro tanto*, l-appell huwa ammissibbli u l-pregudizzjali tal-Korporazzjoni fir-rigward, inattendibbli;

Jiswa illi qabel ma l-Qorti tghaddi biex tezamina l-ilmenti mqanqla, taghmel dawn il-premessi li gejjin:-

(1) Bil-konoxxenza li l-interpretazzjoni tal-ligi hi, kwazi dejjem, kompitu difficli, is-soluzzjoni li ghandha tigi ricerkata timporta li jkun determinat, minn fost interpretazzjonijiet diversi, dik it-tifsira l-aktar sinjifikattiva u attinenti ghal presumibbli volonta tal-legislatur u, forsi, l-izjed, ghal bon sens;

(2) Ragonevolment, f'dan l-ezercizzju ko-involgenti prettament materja ta' interpretazzjoni wiehed ghandu jkun akkurat illi, fejn certa disposizzjoni hi siekta, ma jaqax fl-izball li jaghmel il-ligi minflok ma jinterpretaha u japplikaha. Fil-kuntest, jibqa' dejjem attwali l-monitu oltre sekolari illi "*il difetto di provvedimento nella legge non puo` essere supplito dal ministero del tribunale*" ("**Sacerdote Don Filippo Camilleri -vs- Filippo Camilleri *nomine***", Prim. Awla, Qorti Civili, 9 ta' Marzu, 1881 per Imhallef Dr. Filippo Pullicino);

Maghmula dawn il-premessi, huwa indubitat illi l-problematika kollha f'dan il-kaz qamet minhabba l-fatt illi l-hlas tat-traslok tal-*cables* mhux espressament regolat fl-Artikolu 7 ta' l-Att. Biex jimla din il-lakuna il-panel ta' l-Arbitri rrikorra, kif *ex abundantia* inghad, ghal process analogiku. L-applikazzjoni ta' dan il-process kellu, *di regola*, jimporta illi wiehed ifittex kif ghal kaz simili prevvist mill-artikolu predett il-materja kienet dixxiplinata f'xi wiehed jew aktar tad-disposizzjonijiet l-ohra tal-ligi. Tali hu bazat fuq il-principju generali ta' dik il-gustizzja li trid u tesigi li sitwazzjonijiet ekwivalenti jkunu trattati bl-istess mod ugwali;

Bir-rispett kollu dovut lejn il-veduta ta' l-Arbitri din il-Qorti difficilment tara kif l-espressjoni ta' fehma taghhom estratta mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 4, 5 u 8 ta' l-Att tista' tekwivali bhala soluzzjoni xierqa tal-problematika. Dan qed jigi rilevat in kwantu dawn l-istess disposizzjonijiet, fil-hsieb ponderat tal-Qorti, ma jikkontjenu ebda aspett ta' xi ugwaljanza li jista' jitqies deciziv ghal valutazzjoni guridika ta' l-Artikolu 7. L-Artikolu 4 merament jikkonferixxi d-dritt lill-Awtorita` kompetenti li tordna li gewwa fond jitqieghdu u jitwahhlu l-attrezzi necessarji ghat-thaddim tas-sistemi ta' l-energija elettrika jew tat-telekomunikazzjonijiet jew ghal kaz fejn utilita pubblika wahda titlob li taghmel uzu minn facilitajiet bhal dawn jew ghat-"tqeghid flimkien". F'dan l-ahhar kaz l-Awtorita` responsabbli minn dawk il-facilitajiet tista' tirreklama l-hlas ghal dak l-uzu jew tqeghid flimkien bil-mod stabbilit fis-subinciz (4) ta' l-Artikolu 4 mentri fil-kaz ta' xoghlijiet li jsiru fil-fond ghal sid dak il-fond jista' fiz-zmien statutorju utli jitlob li jkun ikkumpensat jekk dawk l-istess xoghlijiet "jaghmlu hsara" jew "jikkagunaw inkonvenjent" (Artikolu 5). L-Att ikompli jipprovdi illi lanqas dan il-kumpens ma hu hekk dovut jekk l-impjanti jkunu saru qabel id-dhul in vigore ta' l-Att (Artikolu 8);

Jinzel mill-konsiderazzjoni ta' dawn l-artikoli illi l-lakuna palesi kontenuta fl-Artikolu 7 ma tistax tigi ri-empita jew

xort'ohra, kolmata permezz ta' l-applikazzjoni taghhom ghal fattispeci. Jekk talvolta, u dan qed jigi relevat biss *gratia argomenti,* jezistu sfumaturi li jqarrbu l-kaz prospettat bl-Artikolu 7 ghal dawk tad-disposizzjonijiet imsemmija, l-istess jibqa' illi dik s-somiljanza jew ugwaljanza, pjuttost remota, ma tistax tipprevalixxi ruhha fuq id-diversita f'dawk l-artikoli l-ohra kontenuti. Is-sitwazzjonijiet huma altru milli ekwivalenti biex seta' jigi applikat il-process analogiku;

Dan kollu premess u, gjaladarba ukoll, *lex eadem est servanda ubi militat eadem ratio*, il-Qorti jidhrilha li tista' tghaddi ghall-istharrig dwar l-interpretazzjoni aktar preciza li ghandha, u kien messha tigi akkordata lill-Artikolu 7. Fil-kumpless taghha l-ligi tivvesti lill-Awtorita` bis-setgha li tiddelimita l-uzu tad-dritt tal-proprjeta` tas-sid billi tikkondizzjonalu dik il-proprjeta` ghall-ezercizzju materjali fuqha u fost ohrajn, ta' attrezzi jew impjanti konnessi ma' certi servizzi ta' l-energija elettrika. B'mod generali, dan hu hekk ukoll provvdut bl-Artikolu 402 (1) tal-Kodici Civili f'materja ta' servitujiet ghall-utilita` pubblika. In linea ta' principju dak id-dritt impost jattira lejh l-obbligu tal-hlas ta' indenniz jew ta' forma ta' kumpens, li, incidentalment, f'dan il-kaz partikolari ma jidherx li kien il-kaz, trattasi li l-art kienet, precedentement, u qabel ma ghaddiet fil-poter tas-socjeta` appellanti, appartenenti lill-Gvern. Il-ligi tipprevedi wkoll illi s-sid ma jkomplix ibati s-sofferenza ta' dak l-obbligu forzosament impost fuqu u li kien jimpedih milli jiehu l-ahjar utilita` tal-fond li jinsab fil-patrimonju tieghu. Dan taghmlu bl-adoperu tat-test stabbilit fl-Artikolu 7;

Ma jistax ikun negat illi in forza ta' dak id-dritt b'dak il-mod ikkontemplat l-Awtorita` kompetenti tkun irceviet fuq firxa ta' zmien beneficcju anke ekonomiku ghaliha. Wara kollox din kienet il-mira, kieku stess mhux fokali, certament importanti hafna, fil-previzjoni ta' l-Att korrispondenti ghat-twaqqif ta' l-Enemalta (Kapitolu 272). Dak il-godiment minnha ta' proprjeta` ta' terzi ma jistax, u ma ghandux, ghall-fatt ta' l-ezercizzju tad-dritt mis-sid

skond l-Artikolu 7, jissokta jippenalizza lil dan billi tghabbi fuqu wkoll l-ispiza tar-rimozzjoni. Il-Qorti dan, b'gustizzja, ma tistax tikkoncepih u anzi ma tara li ma tezisti ebda raguni konvincenti l-ghala, ghal dik is-semplici uzu tad-dritt tas-sid in referenza ghall-ahjar utilita` tal-proprjeta`, li wara kollox hi tieghu, il-legislatur ried jew xtaq li jkompli jghabbi fuq spallejn is-sid il-piz ta' l-ispiza okkorrenti. Speci ta' "*sopra corna, bastonate*";

Bir-rispett dovut, imbaghad, din il-Qorti qajla tapprezza l-ipotesi prospettata mill-Arbitri ta' xi arrikkiment ingustifikat ghas-socjeta` appellanti bi skapitu u ghad-dannu ghall-Korporazzjoni. Pjuttost, u bir-rispett dovut, jidhrilha li dik il-prospettazzjoni tikkostitwixxi assurd guridiku;

Il-presupposti ta' l-arrikkiment indebitu li jitnisslu mill-Artikoli 1028A u 1029 tal-Kodici Civili, introdotti bl-Att VIII tas-sena 2007, huma (i) l-arrikkiment, (ii) id-dannu, (iii) ir-rabta bejn dan id-dannu u l-arrikiment, (iv) il-mankanza ta' kawza gusta, u (v) il-mankanza ta' xi azzjoni ohra stabbilita mil-ligi. L-element tal-mankanza ta' kawza gusta li jgib riduzzjoni patrimonjali tas-soggett depawperat ma jista' qatt jingieb fis-sehh b'konsegwenza ta' disposizzjoni ta' ligi. Jinghad f'dan is-sens mill-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** illi "*l'azione generale di arrichimento, postula, ai sensi dell'articolo 2041 c.c. (*simili ghal kollox ghall-Artikolu 1028A tal-ligi taghna*), il carattere indebito dell'arrichimento di un soggetto a danno dell'altro, sicche` non è proponibile nel caso di attribuzione patrimoniale avvenuta in base ad una specifica disposizione di legge*" (**Cass. 18 ta' Dicembru, 1981, Numru 6714**). Ikompli a propozitu jispjega l-**Franzoni** ("**Le obbligazioni: Fatti e atti fonti di obbligazione**", Ed. Utet, 2005 pagna 382) illi "*la legge è evidentemente giusta causa dell'arrichimento in tutti quei casi in cui è essa stessa a produrre l'incremento del patrimonio di un soggetto a carico del patrimonio dell'altro senza prevedere alcun meccanismo di ridistribuzione della ricchezza al fine di riequilibrare le conseguenze economiche dello spostamento patrimoniale*";

Ghal dan li ntqal tinzel logika l-konsegwenza illi r-rimedju ta' l-azzjoni *de in rem verso* mhux possibbli. Kif wisq sewwa sottomess mis-socjeta` appellanti it-tezi arbitrali hi improponibbli u twassal ghal konkluzjoni assurda ghax allura jkun ifisser li kull min b'ligi hu obbligat li jhallas dan jista' jippromwovi l-azzjoni *de qua* fil-konfront ta' min ircevihom fuq il-presuppost tal-konfigurazzjoni ta' l-arrikkiment indebitu. Evidentement, jekk wiehed irid jitkellem fuq arrikkiment dan fil-fattispeci ma jistax hlief ikun merament accidentali konsegwenti ghal dik l-attivita` li s-soggett (l-Enemalta f'dan il-kaz) ikun hu stess gab fis-sehh fl-interess u ghal vantagg tieghu minghajr ma hallas indenniz. Jibqa' l-fatt illi l-principji sovrastanti li l-ligi hi kawza gusta ta' arrikkiment jimpedixxi lil min irid jiggudika li jissovrapponi l-gudizzju ekwitattiv proprju ghad-dritt pozittiv. Anke allura f'din il-prospettiva, similment bhal fil-kaz ta' l-argomenti interpretattivi taghhom, ir-ragonament ta' l-Arbitri ma jidherx li jikkonvinci u din il-Qorti thossa fid-dmir li tiddissenti minnhom.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell, thassar is-sentenza appellata u tiddeciedi li l-ispejjez relattivi ghar-rimozzjoni tal-*cables* minn fuq l-art tas-socjeta` appellanti ghandhom ikunu a karigu tal-Korporazzjoni Enemalta. L-ispejjez gudizzjarji ta' dan l-Appell u dawk konnessi ma' l-Arbitragg ghandhom jitbatew mill-istess Korporazzjoni appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------